**Kunsill Lokali Safi**
40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sittax (16) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 16 ta' Ottubru 2013, fit-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa ssir inqas minn ġimgħatejn wara l-laqgħa preċedenti.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi MEUSAC jew id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qegħdin jinvestigaw lill-ex Sindku ta' Ħal Kirkop, is-sur Mario Salerno, rigward l-użu ta' fondi. Qal illi għandna niġġieldu għal flus tal-Kunsill li konna ħallasna lill-Kunsill ta' Ħal Kirkop għal kors tal-Piroteknika li kienet inizjattiva tas-sur Salerno. Is-Sindku qal illi għadu ma ltaqax mas-sinjorina Cefai għax kienet impenjata mill-aħħar laqgħa s'issa [ref punt 3.1].

3.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa fuq update rigward l-ammont ta' nies illi ġew imħarkin grazzi għas-CCTV li hemm fir-raħal wara li sema li tnejn oħra rċevew ċitazzjonijiet. Is-Sindku qal illi

nqabdu izjed minn dawk it-tnejn. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil reġa sema l-bzonn li ssir kamera fuq l-area fejn hemm is-sleeping policeman f'triq Ta' Ġawħar u staqsa għal update rigward meta se ssir il-manutenzjoni tas-sleeping police [ref punt 3.3]. Is-Sindku qal illi ma jistax jagħti ġurnata u avolja qabel mal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil dwar l-importanza li nevitaw il-perikli fir-raħal, qal ukoll illi kull persuna jħoss dak illi jaffetwahom bħala prijorita u ma nistgħux nieħdu ħsieb il-prijoritajiet ta' kulħadd fl-istess ħin. Fuq dan il-punt il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-Kunsill għandu jara x'inhuma prijoritajiet u mhux ir-residenti. Fl-istess ħin qal illi l-parking spaces illi sar f'triq San Pawl ma kienx prijorita u ma ġiex diskuss fuq il-mejda tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien ġie diskuss fil-passat u fakkar illi kien hemm individwu li għamel linji sofor illegalment. Qal illi issa żdidna s-sigurta fit-triq, kif ukoll l-ammont ta' parking legali. Qal ukoll illi l-Kunsill mexa skont il-kelma ta' Transport Malta.

3.3 Is-Sindku qal illi s-sur Pace aċċetta li kiku kellna nbiddlu l-isem tal-Kor [ref punt 3.4] il-Kunsill ma jkunx jista jagħti sehmu fejn tidħol għajnuna u għalhekk is-surmast aċċetta li nżommu l-isem l-istess u l-proġett jibqa bħal ma kien.

3.4 Il-kunsilliera ddiskutew l-attivita t'April [ref punt nru. 3.6] u kien hemm qbil illi l-attivita ssir nhar il-Ġimgħa tal-festa ta' Jum Ħal Safi [minflok il-'wine and pizza night']. Rigward il-Majjalata ta' 13/09/2013 [ref punt 3.6], is-Sindku qal illi kien inġabru €625 li marru għall-użu tal-iskola.

3.5 Is-Sindku qal illi s-Segretarju l-ġdid tal-Kazin ta' San Pawl ma kienx jaf għalfejn kien hemm differenza fil-kontijiet għal baned u dwar il-ftehim illi għandna li nħalsu nofs l-ammont f'żmien il-Milied [ref punt 4.5]. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi suppost inħalsu għall-użu tal-Banda, u mhux għal kull individwu li jkun fil-Banda u għalhekk mhux suppost ikun hemm differenza fil-prezz jekk ikun hemm 40 jew 50 bandisti.

3.6 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqaw mas-sur Tony Pace u l-grupp ta' barranin li daru l-Kunsill waqt zjara tagħhom fil-pajjiz. Il-parteċipanti ħadu magħhom ideja tal-irwol tal-Kunsill f'aspett edukattiv, kif ukoll kellhom platter ikel u xi drinks. Is-Sindku qal illi hemm min jixtieq jaħdem mal-Kunsill f'aspett edukattiv.

3.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nevitaw illi ssir l-attivita tal-isparar f'Ottubru [ref punt 8.1] u minflok nagħmluha f'Diċembru. Qal ukoll illi għandna nagħmlu l-attivita fis-shooting range ta' Ħal Far u mhux il-Bidnija. Rigward il-bike hike qal illi se ssir fis-17 ta' Novembru.

3.8 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi naqsu l-istudenti tal-Agones Academy [ref punt 8.2] minħabba l-prezz għoli li qegħdin jitolbu [€135 fis-sena] li ma jinkludux spejjez extra. Qal illi jixtieq jara mal-koordinatur tal-Akademija fuq il-possibilitajiet illi nżidu l-ammont tat-tfal illi qegħdin jipparteċipaw.

3.9 Is-Sindku qal illi barra s-Shield, għandna nagħtu tazza żgħira għal parteċipanti tat-Treasure Hunt [ref punt nru. 10.2]. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi jekk ma jidħlux tal-Mużew se jieħdu sehem studenti ta' Year 5.

3.10 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-Kunsill tal-Qrendi kienu diżapuntanti ħafna wara li kienu mistednin fuq il-programm Xarabank [ref punt 10.6] għax ħassew illi maru hemm biex jimlew is-sala biss. Qal illi s-Sindku tkellem ftit u ma wrew xejn fuq ir-raħal. Is-Sindku qal illi l-Kunsilli kienu jafu minn qabel illi filmati mhux se jsiru. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi, fl-istess ħin, dawk ta' Birgu ħarġu kuntenti u r-residenti li attendew ħadu magħhom rigali [Qrendi ħadu wkoll]. Is-Sindku qal illi jħoss illi sejrin biex nimlew is-sala biss u qal illi m'aċċettax il-proposta tagħhom illi mmorru fil-25 t'Ottubru. Qal illi jixtieq illi nieħdu sehem lejn l-aħħar ta' Novembru biex nagħtu promozzjoni lill-attivitajiet ta' Diċembru. Is-Sindku qal illi jixtieq jagħmel car show fl-ewwel Ħadd ta' Diċembru, fejn in-nies illi jattendu jkunu jistaw jagħtu donazzjoni u jieħdu xi ħaġa x'jieklu. Qal illi l-ġbir għanda ssir f'isem Hospice Movement- kien hemm qbil fil-Kunsill dwar dan kien hemm qbil li jsir.

3.11 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna ntejbu s-sigurta tar-residenti li jagħdu minn triq il-Kuċċard c/w triq San Ġwann. Is-Sindku qal illi għandu l-ħsieb illi ssir zebra crossing hemm, speċjalment peress illi jagħdu t-tfal tal-iskola minn hemm. Qal illi se nitolbu għal permess biex isir iz-zebra crossing.

## 4. Approvazzjoni tal-pagamenti

4.1 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa għal xiex kien il-kont ta' M.G.Pulis. Dan kien ħlas għal makkinarju li juża l-handyman.

4.2 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għall-informazzjoni dwar il-ħlas dovut lil Francis Monreal. Is-Sindku qal illi kien ikel u xorb għall-ħaddiema kollha li għenu waqt l-attivitajiet bejn 13-15 ta' Settembru.

4.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab informazzjoni rigward il-ħlas li sar għas-sur Paul Camilleri. Is-Sindku qal illi kien għat-trasport waqt il-festa tal-Agrikultura [15/09/2013]

4.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar il-tlett kontijiet ta' Mario tad-diesel. Dawn kienu għad-diesel li ntuża mill-vetturi użati waqt l-attivitajiet tal-festa 13/09-15/09

4.5 Il-kunsilliera qablu u approvaw il-Payment Approval Sheet.

**5. Korrespondenza**

5.1 Id-Dipartiment għall-anzjani offrew l-użu tas-sala tagħhom [ta' San Vinċenz] għall-attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi dejjem għandna nużaw is-sala tagħna u swali fir-raħal biex nevitaw it-trasport.

**6. Website**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta 2 stimi għal website li l-Kunsill jixtieq jagħmel. Dawn kienu ta' €750 [is-sur Daniel D'Agostino] u €1300 [is-sur Anthony Sultana] bħala one time payments. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jaf ċert illi nsibu irħas u għalhekk il-Kunsill ma ħa l-ebda deċiżjoni fuq dan is-servizz.

**7. Tenders: Street Sweeping u Bulky Refuse**

7.1 Il-Kunsill qabel illi nġeddu l-kuntratt ta' Innovations Limited għal sen'oħra għax il-kuntratt wasal lejn l-aħħar tat-tielet sena.

7.2 Rigward il-kuntratt tal-Bulky Refuse, il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nħalsu ammont 'fixed' u mhux 'per item' meta noħorġu t-tender. Is-Sindku qal illi jekk mhux 'per item' ikolna nagħmluha 'per household'. Qal ukoll illi għamel ħafna spot checks matul l-aħħar sena u kemm il-darba ikun mal-kuntrattur waqt il-ġbir tal-oġġetti u ra li dejjem kien raġel magħna. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jixtieq jevita li jkun hemm min joħroġ ħafna oġġetti ġo kaxxa, peress illi l-kuntrattur jitħallas għal kull oġġett, u għalhekk kien tal-opinjoni li kieku noħorġu kuntratt "per household" (sa tlett items) nagħmlu pass posittiv.

**8. Ħwejjeġ Oħra**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-kunsilliera biex jibdew jaħsbu għal messaġġ il-ġdid tagħhom għall-edizzjoni tal-fuljett li jmiss.

8.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm persuna li qed jilmenta fuq nuqqas ta' mera lejn il-Karwija. Is-Sindku qal illi jaf biha imma li l-istess persuna għandu juriħ fejn għandha ssir il-mera. Qal ukoll illi aħjar nagħmlu 2 zgħar u ma sab l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill.

8.3 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm sqaq fit-triq San Ġorġ illi għanda bzonn tindifa. Is-Sindku qal illi bi ħsiebu jnaddfu l-ġimgħa d-dieħla.

8.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nindikaw li n-noticeboard li għamilna fiċ-Ċentru hija propjeta tal-Kunsill. Il-kunsillier Carlo Stivala żied illi n-noticeboard mhix dritta.

8.5 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għall-update rigward it-tabella f'triq San Ġwann [Merħba Ħal Safi]. Is-Sindku qal illi minn kellu jġib is-sieq għadu ma ġiex. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq l-ammont ta żmien illi ilha nieqsa din it-tabella.

8.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm ħafna tabelli li għandhom bzonn il-manutenzjoni madwar ir-raħal. Is-Sindku qabel miegħu u żied illi diġa bdejna nieħdu ħsiebhom.

8.7 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa dwar il-possibilita li ssir mera mal-kantuniera tad-dar tal-Kappillan wara li rċieva 2 lmenti minn nies illi raw karozzi għaddejjin minn hemm b'għaġla waqt illi kienu għaddejin xi tfal. Is-Sindku u l-kunsillier Publius Abdilla qalu li dik il-biċċa hija "one way" u fil-passat saret talba biex nagħlqu dik il-parti tat-triq , izda TM qalulna li kelna nagħmlu t-triq kollu [triq Dun Ġużepp Caruana] "one way" u għalhekk ma kien sar xejn. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna l-approvazzjoni li nagħlqu t-triq. Is-Sindku qal illi mhux se jagħti permess illi nagħlqu t-triq kollu imma dik il-parti biss u sab l-approvazzjoni mill-kunsilliera kollha.

**9 Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fis-6 ta’ Novembru fit-5.30pm wara li qablu bejniethom il-kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |